

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Ipproċessar Onlajn Ta' Każijiet U Komunikazzjoni Elettronika Mal-qrati](#) > [Greece](#)

Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

 Greċja

1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?

Ġiet stabbilita u qiegħed isir rikors għall-preżentazzjoni elettronika ta' dokumenti legali lill-Kunsill tal-Istat Grieg u lill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Ateni. Dawn li ġejjin għadhom qegħdin jiġu pprovduti: (a) monitoraġġ tal-informazzjoni dwar id-dokumenti legali ppreżentati b'mod elettroniku u b'mod konvenzjonali lill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Ateni, (b) l-għażla li l-progress ta' dokument legali jiġi mmonitorjat b'mod elettroniku, anki jekk dan jiġi ppreżentat bl-użu ta' metodi konvenzjonali, fuq is-siti web tal-Qrati tal-Prim'Istanza ta' Piraeus u Tessalonika. Barra minn hekk, ġie stabbilit rikors għall-preżentazzjoni elettronika ta' dokumenti legali lill-qrati amministrattivi (*διοικητικά δικαστήρια*), filwaqt li dalwaqt jiġi stabbilit rikors simili għall-Awtorità tal-Awditjar (*Ελεγκτικό Συνεδριό*).

2 Jekk proċedura b'hal din teżisti, għal-liema tipi ta' każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?

Id-dokumenti legali jistgħu jiġu ppreżentati b'mod elettroniku għall-kawżi li jirrigwardjaw il-proċeduri ċivili kollha, li qegħdin jiġu inklużi b'mod progressiv fil-funzjoni online. Il-progress tad-dokumenti għall-proċeduri kollha jista' jiġi mmonitorjat b'mod elettroniku. Fil-preżent, ma hemmx proċeduri li jistgħu jinbdew biss permezz tal-internet.

3 Din il-faċilità hija disponibbli f'kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?

Il-progress tad-dokumenti legali jista' jiġi mmonitorjat b'mod elettroniku 24 siegħa kuljum. B'ħalissa, id-dokumenti legali jistgħu jiġu ppreżentati b'mod elettroniku lill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Ateni matul il-jiem u s-sigħat tax-xogħol, madankollu, din l-għażla dalwaqt tkun disponibbli 24 siegħa kuljum.

4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovduti f'xi tip ta' format partikolari?

Sabiex jippreżenta dokument legali b'mod elettroniku, utent ta' sistema (avukat) jimla formola elettronika u jippreżentaha lill-qorti flimkien mat-test komplet tat-talba f'fajl WORD. Mat-tlestija tal-proċedura ta' preżentazzjoni, dan jintbagħat lura lill-ispeditur fl-istess format 'imsakkar', immarkat 'ippreżentat'.

5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?

Jintużaw passwords speċjali u firem elettroniċi sabiex jinkiseb aċċess għas-sistema, kemm kif inhi bħalissa kif ukoll meta tkun operattiva b'mod sħiħ.

6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?

L-użu tal-firem elettroniċi ġie inkluż fis-sistema.

7 Għandhom jitħallsu xi tariffi tal-qrati? Jekk iva, kif jistgħu jitħallsu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniċi?

It-tariffi tal-qrati normalment jitħallsu b'mod elettroniku, li huwa pass inkluż fir-rikors elettroniku għall-preżentazzjoni tad-dokument legali. It-tariffi huma l-istess bħal dawk imħallsin għal preżentazzjoni konvenzjonali.

8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkunu nbdev permezz tal-internet?

Le. L-irtirar ta' dokument legali huwa possibbli biss f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għad-dokumenti legali ppreżentati b'mod konvenzjonali, abbażi tar-regoli tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?

Id-Digriet Presidenzjali 142/2013 ippreveda l-preżentazzjoni elettronika tal-proposti u tad-dokumenti relatati quddiem il-qrati ċivili. Din l-għażla għadha mhijiex teknikament disponibbli. Bħalissa hemm grupp ta' ħidma li qed jaħdem fuq it-twaqqif tal-qafas tekniku xieraq. Mhuwiex obligatorju għall-konvenuti li jirrispondu biss permezz tal-internet.

10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?

Id-dokumenti legali u d-dokumenti l-oħra kollha ta' kawża jsiru disponibbli għall-qorti matul is-seduta ta' smiġħ.

11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?

Jekk il-konvenut jonqos milli jippreżenta xi proposti, bi kwalunkwe mod, il-proċess tiegħu jsir *in absentia*.

12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elettroniku u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema kundizzjonijiet jista' jsir?

Id-Digriet Presidenzjali 142/2013 ippreveda (minbarra l-preżentazzjoni elettronika tal-proposti) l-preżentazzjoni elettronika tad-dokumenti relatati quddiem il-qrati ċivili.

13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu

nnotifikati permezz tal-internet?

Mhux għalissa. Din il-kwistjoni qed tiġi eżaminata.

14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?

Mhux għalissa. Din il-kwistjoni qed tiġi eżaminata.

15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?

Mhux għalissa. Din il-kwistjoni qed tiġi eżaminata.

16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?

Le.

17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 1.

■ L-aħħar aġġornament: 03/05/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.